MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 863/2004/1

**Daniel James Cassar**

**v.**

**1. Direttur tas-Sahha Istituzzjonali;**
**2. Tabib Principali tal-Gvern maghruf ukoll bhala Direttur Generali (Sahha); u**
**3. Direttur (Sigurta` Socjali)**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-11 ta’ Novembru, 2004, li taqra hekk:

“Peress illi l-attur ilu ghal diversi snin ibati minn *Type 1 Diabetes* u l-kondizzjoni ta’ sahhtu ddeterjorat progressivament b’mod li aktar kmieni din is-sena zviluppa *life-threatening complications* u htieglu urgentement illi jissottoponi ruhu ghal intervent kirurgiku ghal *simultaneous cadaveric pancreas and living donor kidney transplantation*, kif certifikat mit-tabiba kuranti tieghu Dr. Anna Maria Abela kif ukoll mill-konsulent diabetologu tieghu Profs. Joseph Azzopardi (*vide* Dok. “DC 1” u “DC 2”)

“Peress illi l-imsemmi trattament mediku necessarju ghall-attur ma jsirx f’Malta izda jsir fid-*Division of General Surgery and Trasplantation, Cisanello Hospital* f’Pisa, l-Italja; ghalhekk l-attur ikkomunika ma’ dan l-isptar f’Pisa u ghamel l-arrangamenti opportuni sabiex dan it-trattament mediku jsirlu hemm;

“Peress illi, permezz ta’ ittra ta’ l-imsemmija tabiba Dr. Anna Maria Abela datata 26 ta’ April 2004 akkompanjata b’ittra ta’ l-imsemmi konsulent diabetologu Prof. Joseph Azzopardi datata 23 ta’ April 2004 (*vide* l-istess Dok. “DC 1” u “DC 2”), saret talba lill-konvenut Direttur tas-Sahha Istituzzjonali sabiex huwa jaghti l-awtorizzazzjoni tieghu ghal *free teatmenr abroad* relattiv; dawn l-ittri twasslu personalment mill-attur fl-ufficcju tal-istess konvenut Direttur tas-Sahha Istituzzjonali nhar it-Tnejn 26 ta’ April 2004;

“Peress illi fl-imsemmija ittra tieghu, il-Prof. Azzopardi spjega l-kondizzjoni medika tal-attur, ir-raguni ghaliex semplici *kidney transplantation* (li hija operazzjoni li ssir f’Malta) ma kinetx ir-rimedju idoneju ghall-kondizzjoni tal-attur, u n-necessita` u l-opportunita` illi l-attur jissottoponi ruhu ghall-imsemmi intervent kirurgiku ghal *simultaneous cadaveric pancreas and living donor kidney transplantation* fl-isptar f’Pisa fuq imsemmi;

“Peress illi madankollu, il-konvenut Direttur tas-Sahha Istituzzjonali naqas milli jaghti l-awtorizzazzjoni mitluba u permezz ta’ ittra datata 17 ta’ Gunju 2004 (vide Dok. “DC 3”), informa lill-Prof. Azzopardi illi:

*"This service [i.e. Combined Pancreas/Kidney Transplantation for Patients with Type 1 Diabetes and End Stage Renal Failure] does not form part of the publicly funded health care services package to be offered to persons living in Malta and covered by Maltese social security";*

"Peress illi dan l-ghemil tal-konvenut Direttur tas-Sahha Istituzzjonali jmur kontra l-ligi u jikkostitwixxi ksur ta' l-obbligi ta' Malta versu l-attur *qua* cittadin ta' l-Unjoni Ewropea, *ai termini* tal-**artikoli 49 u 50** tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita` Ewropea illi jipprovdu ghal-libera cirkolazzjoni tas-servizzi, kif ukoll *ai termini* tar-regolament (EEC) No. 1408/71, partikolarment l-**artikolu 22** tieghu illi jipprovdi *inter alia* ghat-tgawdija ta' beneficcji f'kaz ta' bzonn ta' kura medika fi Stat Membru li ma jkunx dak tar-residenza tal-persuna koncernata, u dan anke fid-dawl tal-gurisprudenza cara u kostanti tal-Qorti tal-gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej in materja; f'dan il-kuntest l-attur jaghmel riferenza ghall-principji fondamentali tas-supremazija u ta' l-effett dirett tad-dritt Komunitarju, liema principji huma rispekkjati fl-**Att dwar l-Unjoni Ewropea (Att V tal-2003);**

"Peress illi *inoltre*, illi l-ghemil amministrattiv impunjat jikser il-principji tal-gustizzja naturali u l-htigiet procedurali mandatorji, billi (1) il-konvenut Direttur tas-Sahha Istituzzjonali la ta ebda opportunita` lill-attur sabiex jipprezenta l-kaz tieghu qabel ma rrifjuta li jaghti l-awtorizzazzjoni mitluba, u lanqas immotiva adegwatament l-istess rifjut tieghu; u (2) l-iskema ghall-ipprocessar tat-talbiet ghall-awtorizzazzjoni adoperat f'Malta la huwa bbazat fuq kriterji oggettivi, non-diskriminatorji u maghrufin minn qabel, intizi biex jilqghu kontra l-agir arbitrarju da parti ta' l-awtoritajiet koncernati, u lanqas ma huwa bbazat fuq sistema procedurali facilment accessibbli u idoneju sabiex jassigura d-determinazzjoni oggettiva, imparzjali u fi zmien ragjonevoli ta' talblet ghall-awtorizzazzjoni, u dan bi ksur tar-regoli tad-dritt Komunitarju fuq imsemmija u ta' l-insenjament

gurisprudenzjali tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej;

“Peress illi l-istess ghemil amministrattiv impunjat jikkostitwixxi wkoll abbuz tas-setgha ta' l-awtorita` pubblika billi, meqjus fl-isfond tal-principju Komunitarju tal-libera cirkolazzjoni tas-servizzi u ta ‘l fuq imsemmi Regolament (EEC) N° 1408/71, ma jistax jinghad li sar ghall-ghanijiet xierqa jew li kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet relevanti;

“Peress illi ghaldaqstant, ir-rifjut da parti tal-konvenut Direttur tas-Sahha Istituzzjonali illi jilqa' t-talba ta' l-attur ghal *free treatment abroad* fuq imsemmija, maghmula permezz ta’ ‘l fuq imsemmija ittri tat-tabiba kuranti u tal-konsulent diabetologu tieghu, huwa *ultra vires ai termini* ta' l-**artikolu 469A (1) (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u jikkostitwixxi ksur ta’ ‘l fuq imsemmija obbligi ta' Malta, *qua* Stat Membru ta' l-Unioni Ewropea, versu l-attur, *qua* cittadin ta' l-istess Unjoni, u ghalhekk l-istess rifjut huwa null, invalidu u minghajr effett;

“Peress illi ghalkemm l-attur, permezz ta' protest gudizzjarju pprezentat fil-5 ta' Lulju 2004, interpella lill-konvenuti sabiex minnufih jiehdu l-mizuri opportuni sabiex huwa jinghata l-awtorizzazzjoni ghal *free treatment abroad* u tinhariglu l-Formola E 112 relativa *a tenur* tar-Regolamenti (EEC) N° 1408/71 u (EEC) N° 574/72, l-istess konvenuti bagghu inadempjenti;

“Peress illi b'rizultat tar-rifjut fuq imsemmi u ta' l-inadempjenza tal-konvenuti, l-attur sab ruhu kostrett jaghmel l-arrangamenti necessarji sabiex ihallas huwa stess l-ispejjez kollha in konnessjoni mat-trattament mediku fl-Isptar Cisanello f’Pisa fuq imsemmi, u dan billi kien jehtieg illi jiehu dan it-trattament mill-aktar fis peress illi l-kondizzjoni tieghu ma kenitx tippermettilu jittrattjeni izjed;

“Peress illi l-imsemmi intervent kirurgiku ghal *simultaneous cadaveric pancreas and living donor kidney transplantation* sar fuq l-attur fl-imsemmi Sptar Cisanello

f’Pisa nhar il-Hamis, 26 ta' Awissu 2004; l-imsemmi trattament mediku kien jinvolvi intervent kirurgiku wkoll fuq omm l-attur, Vincenza Cassar, u dan sabiex hija setghet tiddona kilwa lil binha peress, li hija *perfect match*; b'kollox, l-attur u ommu damu l-Italja bejn is-7 ta' Lulju u s-27 ta' Ottubru 2004, matul liema perijodu inghatatilhom kura u sarulhom diversi testijiet necessarji in konnessjoni mat-trattament mediku fuq imsemmi, u dan kemm in preparazzjoni kif ukoll in segwitu ghall-imsemmija operazzjoni kirurgika;”

“Peress illi a kawza ta' l-imsemmi agir tal-konvenuti, l-attur sofra danni konsistenti fl-ispejjez kollha minnu inkorsi u li ghad jista' jinkorri in konnessjoni ma’ trattament mediku fuq imsemmi, u dan kif jigi pprovat fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawza;

“Peress illi l-konvenut Direttur tas-Sahha Istituzzjonali bhala Istituzzjoni li naqset milli taghti l-awtorizzazzjoni mitluba, il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern (maghruf ukoll bhala Direttur Generali Sahha) bhala l-Kap tad-Dipartiment tasSahha illi tahtu jaqa' l-imsemmi Direttur tas-Sahha Istituzzjonali, u l-konvenut Direttur (Sigurta` Socjali) bhala l-Kap tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali li huwa l-Istituzzjoni kompetenti u responsabbli ghall-implimentazzjoni tal-legislazzjoni Komunitarja in materja ta' sigurta` socjali, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur in konnessjoni ma' l-istess trattament mediku, u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 469A (5) tal-Kap. 12** u *ai termini* tar-regoli u principji tad-dritt Komunitarju, principalment dawk fuq citati, kif interpretati mill-gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej;

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:

“(1) Tiddikjara illi ‘l fuq imsemmi rifjut da parti tal-konvenut Direttur tas-Sahha Istituzzjonali tat-talba ta' l-attur ghal *free treatment abroad* fuq imsemmija, maghmula permezz ta’ ‘l fuq imsemmija ittri tat-tabiba kuranti u tal-konsulent diabetologu tieghu, huwa *ultra*

*vices ai termini* ta' l-**artikolu 469A (1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u jikkostitwixxi ksur tad-drift Komunitarju, senjatament ta' l-**artikoli 49 u 50** tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita` Ewropea u ta' l-**artikolu 22 tar-Regolament (EEC) N° 1408/71**, u ghalhekk tiddikjara l-istess rifjut null, invalidu u minghajr effett,

"(2) Tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur b' konsegwenza ta' l-imsemmi rifjut tat-talba tieghu ghal *free treatment abroad*;

"(3) Tillikwida l-istess danni f'dawk l-ammonti kollha li jirrizultaw inkorsi mill-attur *in linea* ta' spejjez in konnessjoni mat-trattament mediku fuq imsemmi fl-Isptar Cisanello f'Pisa, l-Italja, komprizi l-ispejjez kollha incidentali u accessorji; u

"(4) Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur id-danni fis-somma totali hekk likwidata.

"Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju pprezentat fil-5 ta' Lulju 2004, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur."

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern u d-Direttur tas-Sahha Istituzzjonali li in forza taghha eccepew illi:
"Illi preliminarjament id-Direttur tas-Sahha Istituzzjonali gie mharrek inutilment u ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* illi huwa ma ghandux ir-rapprezentanza guridika tad-Dipartiment tas-Sahha, liema rapprezentanza hija fdata f'idejn it-Tabib Principali tal-Gvern u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 181B tal-Kap 12.**

"Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess l-ghemil tal-konvenut Direttur ghan-nom tat-Tabib Principali tal-Gvern ma jikser ebda provediment legislattiv u ma jilleza bl-ebda mod id-dritt ta' l-attur li jkollu access ghal kura medika barra minn Malta.

“Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess kuntrarju ghal dak allegat mill-attur id-decizjoni mehuda mid-Direttur tas-Sahha Istituzzjonali kienet *inter vires*. *Di piu`* tali decizzjoni ttiehed wara li saru l-accertament appositi u fid-dawl tas-sottomissjonijiet li ghamel l-attur permezz ta’ korrispondenza.

“Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess id-decizjoni ttiehdet ara li gie l-iter stabbilit proceduralment f’dawn il-kazijiet.

“Illi subordinatament minn imkien ma jirrizulta illi l-attur ghandu xi dritt awtomatiku illi jiehu l-kura li jidhirlu hu barra minn Malta a karigu tal-Gvern. Dan ta’ l-ahhar bl-ebda mod ma fixkel jew impedixxa lill-attur milli jkollu access ghal kura li xtaq hu u ghalhekk ma jissostitwix il-ksur tad-drittijiet li qed jippretendi l-attur.

“Illi huma ma jirrispondux ghad-danni pretizi mill-attur *stante* illi d-decizjoni li hadu kienet wahda gusta a bazi ta’ parametri oggettivi u principji gusti.

“Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi preliminarjament l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur stante illi l-kura barra mill-pajjiz hija materja li taqa’ fil-mansjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregidizzju ghas-suepost il-pretensjonijiet vantati mill-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi la l-**Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill tal-K.E. numru 1408/1971** u lanqas l-**Artikolu 49 u 50** tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita` Ewropea ma jaghti ebda dritt lill-attur li jitlob rifuzjoni minghand il-Gvern ta’ Spejjez inkorsi f’kirurgija bhal dik li allegatament ssottometta ghalih l-attur barra minn Malta.

“3. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni oderna fl-aspetti kollha taghha hija nfondata filfatt u fid-dritt u l-esponent gie

mharrek inutilment u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

“4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Novembru, 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
“... ... ... filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tad-Direttur tas-Sahha Istituzzjonali li huwa mhux il-legittimu kontradittur u tillibera l-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuti it-Tabib Principali tal-Gvern u tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali, **tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenuti it-Tabib Principali tal-Gvern u tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali** kif hawn deciz, b’dan illi:-

“(1) Tiddikjara illi ‘l fuq imsemmi rifjut da parti tal-konvenut Direttur tas-Sahha Istituzzjonali tat-talba ta' l-attur ghal *free treatment abroad* fuq imsemmija, maghmula permezz ta’ ‘l fuq imsemmija ittri tat-tabiba kuranti u tal-konsulent diabetologu tieghu, huwa *ultra vires ai termini* ta' l-**artikolu 469A (1) (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u jikkostitwixxi ksur tad-dritt Komunitarju, senjatament tal-**artikoli 49 u 50** tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita` Ewropea u tal-**artikolu 22 tar-Regolament (EEC) N° 1408/71**, u ghalhekk tiddikjara l-istess rifjut null, invalidu u minghajr effett kollox kif hawn deciz.

“(2) Tiddikjara illi l-konvenuti t-Tabib Principali tal-Gvern u tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali solidalment responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur b’konsegwenza ta' l-imsemmi rifjut tat-talba tieghu ghal *free treatment abroad*;

“(3) Tillikwida l-istess danni f’ammont ta’ erbgha u sebghin elf, mitejn u wiehed u erbghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€74,241.91) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-attur sabiex ha l-istess trattament mediku fuq imsemmi fl-Isptar Cisanello f’Pisa, l-Italja.

“(4) Tordna lill-konvenuti Tabib Principali tal-Gvern u tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali sabiex solidalment bejniethom ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati fl-ammont ta’ erbgha u sebghin elf, mitejn u wiehed u erbghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€74,241.91).

“Bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tad-Direttur tas-Sahha Istituzzjonali u dawk tal-protest gudizzjarju datat 5 ta' Lulju 2004 kontra l-konvenuti Tabib Principali tal-Gvern u tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali solidalment bejniethom.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li meta l-Awtoritijet koncernati rrifjutaw t-talba tieghu sabiex jiehu kura medika barra minn Malta ghall-operazzjoni medika ta’ *“combined pancreas/kidney transplantation for patients with Type 1 Diabetes and End Stage Renal Failure* b’ittra datata 17 ta’ Gunju 2004 huma aggixew *ultra vires* kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 469 A tal-Kap 12** u gew miksura l-**artikolu 49 u 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u tal-artikolu 22 tar-Regolament (EEC) Numru 1408/71.**

“Illi l-attur ibaghti minn *Type 1 Diabetes* u b’konsegwenza ta’ din il-kundizzjoni tal-kilwa hzienet u kellu bzonn trapjant tal-istess, li seta’ jsir Malta, izda fil-kaz partikolari l-opinjoni professjonali kienet li l-attur kellu jaghmel trapjant simultaneju tal-frixa maghruf bhala *“combined pancreas/kidney transplantation for patients”* (Dok. “DC1” u “DC 2” liema operazzjoni kienet deskritta bhala li kien hemm bzonn li ssir urgentement minhabba l-kundizzjoni medika li kien jinsab fiha l-attur; u ittra datata 23 ta’ April 2004 tal-Professur Azzopardi u xhieda datata 25 ta’ April 2006 u affidavit tal-attur datat 5.04.2005 – opinjoni ta’ Profs. Boggi u Profs. Sir A. Cuschieri) li pero’ ma ssirx hawn Malta kif ikkonfermat minn Dr. John Cachia, Direttur ta’ Sahha Istituzzjonali fix-xhieda tieghu tal-24 ta’ Mejju 2007).

"Illi l-attur talab permess maghruf bhala *Form 112* (Dok. "DC 7") sabiex l-attur ikun jista' jircievi tali kura f'Pisa a karigu tal-Gvern Malti, izda tali talba giet rifjutata permezz ta' ittra datata 17 ta' Gunju 2004 (Dok. "DC 3") indirizzata lill-konsulent tal-attur li fiha jinghad li:-

"*"This service (i.e. Combined Pancreas/Kidney Transplantation for Patients with Type 1 Diabetes and End Stage Renal Failure) does not form part of the public funded health care services package to be offered to persons living in Malta and covered by Maltese social security".*

"Illi minflok l-attur kellu jaghmel l-operazzjoni fic-Centru tat-Trapjant ta' l-Universita' ta' Pisa fis-26 ta' Awissu 2004 (Dok. 23 anness mal-affidavit tal-attur) u ghal dan l-ispejjez tal-intervent kienu jammontaw ghal €74,241.91 (Dok, "29") u apparti spejjez ohra ta' vjaggar kif elenkati fol. 56 u 57 formanti parti mill-istess affidavit attrici li b'kollox ghalhekk l-attur qed jitlob is-somma ta' €77,546.90.

"Illi jinghad li huwa pacifiku bejn il-partijiet li skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 3 u 4 tal-Kap. 460** il-ligi tal-Komunita' Ewropea inkluzi r-Regolament tal-Unjoni huma direttament applikabbli ghal Malta, u ghandhom effett b'mod dirett anke minghajr l-intervent legistlattiv *(doctrines of direct effect and primacy of Community Law)*, u l-istituzzjonijiet kollha lokali huma obbligati li jaderixxu, josservaw u japplikaw l-istess anke meta dawn ikunu in konflitt mal-Ligi Maltija, tant li jekk s-supremazija tal-Ligi Ewropea ma tigix osservata dan jaghti lok ghoti ta' kumpens favur min isofri konsegwenzi minhabba l-ksur jew inosservanza tal-istess regolamenti **("Larcy vs INASTI"** – C – 118/00).

"Illi ghal dan il-kaz issir riferenza ghall-**artikolu 49 tat-Trattat tal-Komunjoni Ewropeja** li jipprovdi li:-

"*"Within the framework of the provisions set out below, restrictions on freedom to provide services within the Community shall be prohibited in respect of nationals of*

*Member States who are established in a State of the Community other than that of the person for whom they are intended"*

"Illi **l-artikolu 50** jiddefinixxi l-kelma *services* u ma hemm l-ebda dubju li servizzi medici jaqghu taht din it-tifsira ta' servizzi, u skond id-decizjoni **"Luise and Carbone" – Joined Cases 286/82 u 26/83,** tali artikolu jpprovdi mhux biss li Stat Membru ma jistax jimpedixxi persuna li tipprovdi servizz fl-Istat taghha milli tipprovdi l-istess servizz fi Stat Membru iehor izda li Stat Membru ma jistax jimpedixxi persuna li ghandha dritt li tircievi servizz minn Stat Membru iehor milli tircievi l-istess servizz b'dan li l-**artikolu 49** jistabbilixxi mhux biss id-dritt li wiehed jipprovdi servizz, izda wkoll id-dritt li wiehed jircievi tali servizz.

"Illi fil-kaz **"The Queen, on the application of Yvonne Watts vs Bedford Primary Care Trust and Secretary of State for Health"** – C – 372/04 (**"Watts")** inghad li servizzi medici u trattament fl-isptar jikkwalifikaw bhala servizzi anke fejn il-ligi tal-istat (bhal dik ta' Malta) tipprovdi ghall-ghoti tal-beneficcju innifsu (it-trattament) milli hlas jew ghoti ta' kumpens ghall-ispejjez.

"Illi fil-fatt fil-kaz **"Muller-Faure and van Riet"** (C – 385/99) inghad li:-

"*"a medical service does not cease to be a provision of services because it is paid for by a national health service or by a system providing benefits in kind. The Court has, in particular, held that a medical service provided in one Member State and paid for by the patient cannot cease to fall within the scope of freedom to provide services guaranteed by the Treaty merely because reimbursement of the costs of the treatment involved is applied for under another Member State's sickness insurance legislation which is essentially of the type which provides for benefits in kind" (Smits and Peerbooms, paragraph 55).*

"Illi ghalhekk a bazi ta' dan qed jigi allegat mill-attur li bid-decizjoni tas-17 ta' Gunju 2004 (Dok. "DC3") din marret

kontra l-artikoli tar-Regolament kif fuq indikati, liema allegazzjonijiet ser jigu ezaminati fil-kors ta' din id-decizjoni fejn fost ohrajn jinghad li tali decizjoni tmur kontra l-**artikolu 22 tar-Regolament (EEC) Numru 1408/71** li jitratta dwar kazijiet fejn cittadini fi stat membru huma intitolati jirrikorru ghall-kura medika fi stat iehor membru u fil-fatt jipprovdi li:-

"*"(1) An employed or self employed person who satisfies the conditions of the legistlation of the competent state for entitlement to benefits, taking account where appropriate of the provisions of Article 18, and:*

*(c) who is authorised by the competent institution to go to the territory of another Member state to recieve there the treatment appropriate to his condition, shall be entitled:*

*(i) to benefits in kind provided on behalf of the competent institution by the institution of the place of stay or residence in accordance with the provisions of the legislation which it administers, as though he were insured with it; the length of the period during which benefits are provided shall be governed, however by the legislation of the competent state"*

*"(2) The authorisation required under paragraph 1 (c) may not be refused where the treatment in question is among the benefits provided for by the legislation of the Member State on whose territory the person concerned resides and where he cannot be given such treatment within the time normally necessary for obtaining the treatment in question in the Member State of residence taking account of his current health and the probable cause of the disease".*

"Illi ma hemm l-ebda dubju li dan ir-Regolament huwa applikabbli ghall-Malta u dan in vista ta' dak ritenut fil-kaz gja citat ta' **"Larcy vs INASTI"** li kkonferma s-supremazija tal-Ligi Ewropeja u tal-istess Regolamenti fuq il-Ligi Maltija.

“Illi dwar l-applikabilita’ tal-istess Regolament specifiku bhala parti mill-ligi Maltija issir riferenza ghall-kaz **“Bestuur van het Algemeen Ziekenfonds Drenthe-Platteland vs. G. Pierek – C – 177/77)** l-ewwel punt li jrid jigi deciz huwa jekk l-attur kienx intitolat ghall-kura medika b’xejn hawn Malta u jirrizulta li l-attur kien jikkwalifika ghal dan ghaliex il-kura medika provduta f’Malta hija kollha provduta taht is-sistema medika prezenti, u tali beneficcju mediku huwa wiehed li kopert taht il-Ligi Maltija u dan peress li l-iskema ta’ trattament b’xejn fl-Isptar ghar-residenti Maltin ma teskludi l-ebda tip ta’ intervent u ghalhekk irrespetivament minn natura tal-marda jew trattament involut u allura l-ebda tip ta’ operazzjoni medika jew kura f’isptar ma hija eskluza ghall-persuna residenti Malta (Dok. “A” – fol. 344).

“Illi dan ifisser li l-attur huwa intitolat ghal tali intervent minnu mitlub u ghalhekk kieku tali trattament kien disponibbli l-attur kienu ser jinghatalu b’xejn skond l-Iskema tas-Sahha Nazzjonali. Il-fatt li tali intervent ma huwiex attwalment disponibbli hawn Malta ma jfissirx li l-attur ma huwiex intitolat ghalih, u fil-fatt dan ifisser li l-unika raguni ghaliex tali intervent ma’ giex moghti lill-attur Malta kien biss tali intervent simultanju ta’ trapjant ta’ kliewi u frixa ma jsirx hawn Malta, ghaliex hawn issiru biss trapjanti tal-kliewi (Dr. John Mary Cachia – 8 ta’ Frar 2007), tant li din hija r-raguni unika li ddeterminat id-decizjoni ta’ rifjut tas-17 ta’ Gunju 2004.

“Illi dan jirrizulta anke mix-xhieda ta’ Dr. John Cachia fejn qal li l-operazzjoni tat-trapjant tal-kilwa setghet u kienet issir Malta, u kien biss it-trapjant tal-frixa simultanju li ma setax isir hawn Malta, intervent li huwa ddeskriva bhala parti zghira ta’ l-intervent mediku necessarju u spjegaha *“bhala l-ahhar kilometru minn mitt kilometru”* li pero’ jirrizulta li mhux biss li ma kienx bizzejjed ghall kondizzjoni u sahhet l-attur, izda jidher li dan l-intervent simultanju ta’ bdil tal-frixa kien jaghmel id-differenza kollha ghall-sahhet l-attur kif jirrizulta mix-xhieda tal-Professur Joseph Azzopardi datata 25 ta’ April 2006 (fol. 386 *et sequitur.)*

“Illi b’hekk jirrizulta li l-attur kien intitolat ghal tali intervent mediku skond il-ligi Maltija u l-unika raguni li ma giex provdut lilu kien li l-ahhar parti tal-intervent ma kenitx issir hawn Malta, izda dan ma jfissirx li b’hekk l-attur ma kienx intitolat ghall-istess beneficcju skond il-Ligi Maltija; dan ifisser li l-limitazzjoni ta’ l-intervent li seta’ jsir Malta, li ovvjament ma kienx ser ikun bizzejjed ghall-kondizzjoni li kien attwalment fiha l-attur, iwassal sabiex jigi sodisfatt wkoll ir-rekwizit indikat fl-**artikolu 22 (2)** ghaliex la darba tali intervent ma setax isir dan jekwivali wkoll li *“the waiting time imposed on the person concerned exceeds the medically accepatable period in the particular case”* (**“Watts Case”** – para. 60), u b’hekk isegwi li l-attur ma setax jiehu l-kura mehtiega hawn Malta fiz-zmien ragonevoli, tenut kont tal-istat ta’ sahhtu u l-andament tal-marda tieghu u dan kif ampjament spjegat mid-dokumentazzjoni u xhieda moghtija minn Prof. Joseph Azzopardi u Dr. Anna Maria Abela u l-opinjonijiet ta’ Prof. Boggi u Prof. Sir Cuschieri kif indikat fl-affidavit tal-attur datat 5 ta’ April 200, liema kundizzjoni medika tal-attur u l-bzonnijiet tal-istess intervent ma gew bl-ebda mod kontrastati jew kontradetti mill-konvenuti f’din il-kawza u b’hekk ir-rekwiziti kollha tal-istess regolament gew sodisfatti mill-attur u allura l-attur huwa kellu d-dritt li jinghata l-formula E112 peress li l-istess kien jikkwalifika ghaliha u ghalhekk dan in-nuqqas iwassal ghall-ksur tal-**artikolu 22** peress li l-Awtoritajiet tas-Sahha ma osservawx l-istess Regolamenti.

“Illi din il-Qorti thoss li kien hemm ukoll ksur *ut sic* tal-**artikolu 22 (1) (c) (i) tar-Regolament** ghaliex meta tali permess ghal trattament mediku barra minn Malta jkun suggett ghall-awtorizzazzjoni minn qabel minn Stat Membru dan bhala principju huwa kkunsidrat bhala restrizzjoni ghall-provista ta’ servizzi taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 49 tat-Trattat tal-Komunjoni Ewropeja** (**“Smits and Peerbooms” C – 157/99 - para 69; “Muller- Faure and van Reit – C – 385/99 – para. 44).**

“Illi dan huwa iktar restrittiv meta bhas-sistema Ingliza, is-sistema ta’ Malta (li giet ikkunsidrata wkoll fil-kaz ta’

**"Yvonne Watts")** taghmel tali awtorizzazzjoni necessarja biss meta tikkunsidra trattament mediku barra l-pajjiz u mhux meta tali trattament jista' jinghata fil-post ta' residenza tal-applikant, u jinghad li tali sistema ta' *prior authorisation this* tkun biss gustifikata jekk taqa' taht wahda minn tlett ragunijiet ibbazati fuq interess pubbliku u dan jikkonsisti fis-segwenti:-

"1. Jekk minghajr tali awtorizzazzjoni minn qabel ikun hemm riskju li s-sistema finanzjarja li fuqha tkun mibnija is-sistema ta' beneficcji socjali tkun fil-perikolu li tigi serjament pregudikata jew imminata.

"2. Jekk minghajr tali awtorizzazzjoni minn qabel, jista' jkun affettwat iz-zamma fuq l-istess livell ta' access ghas-servizz tas-sahha, b'dan li l-istess access jigi negattivament affettwat.

"3. Illi tali awtorizzazzjoni minn qabel hija necessarja sabiex jigi assigurat li jinzamm l-istess livell ta' trattament mediku fuq skala nazzjonali.

"Illi din il-Qorti thoss li l-ebda wiehed mill-konvenuti ma gab ebda prova kwalunkwe ta' dawn ir-ragunijiet u fil-fatt l-ittra datata 17 ta' Gunju 2004 lanqas biss ma taghmel riferenza ghall-dan u ghalhekk certament li f'dan il-kaz a giex ippruvat li tali sistema ta' *prior authorisation* hija b'xi mod gustifikata minn *"overriding reasons to the public interest"* u anke fejn dan il-principju huwa applikabbli dan huwa suggett ghat-test ta' proporzjonalita' *(proportionality test)* fis-sens li ma ghandux jaccedi dak li huwa oggettivament necessarju ghal dak l-ghan u li dan ir-rizultat ma jistax jigi milqugh b'mezzi ohra inqas restrittivi. Jigi nnutat li dawn il-principji gew applikati biss f'kazi fejn it-trattament mediku necessarju jew rikjest kien jezisti fl-istat ta' residenza izda kien hemm element ta' dewmien sabiex wiehed jircievi l-istess (**"Watts"; "Leichtle" - C 8/02)** mentri fil-kaz hawn Malta u f'dan il-kaz in partikolari tali trattament li l-attur kellu bzonn ma kienx disponibbli f'Malta izda biss barra minn Malta.

"Illi fl-ahharnett jinghad li fejn tali awtorizzazzjoni jista' jinghad li hija gustifikabbli ghal wiehed mit-tlett ragunijiet fuq indikati, din trid tkun ibbazata fuq ragunijiet li huma oggettivi, mhux diskriminatorji u sew maghrufa b'dan li d-diskrezzjoni ezercitata ma ghandhiex tkun wahda arbitrarja u dan li tali rifjut *"must refer to the specific provisions on which they are based and be properly reasoned in accordance with them"* **("Watts")**; u dan apparti li jrid ikun hemm sistema procedurali li tkun facilment accessibbli u tassigura li tali rikjesta tista' tkun trattata b'mod oggettiv u imparzjali u d-decizjoni tkun tista' tigi moghtija fi zmien ragonevoli u tista' tkun kontestata permezz ta' proceduri gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji **("Watts"; "Smits and Peerbooms"; "Mueller- Faure and van Reit").** Jekk dawn ir-rekwiziti ma jigux sodisfatti mela allura tali sistema ta' awtorizzazzjoni simili ma hijiex accettabbli ghaliex tikkostitwixxi restrizzjoni ghall-provista ta' servizzi **("Decker" – C – 120/95** para 36**; "Luisi and Carbone vs. Ministero del Tesoro"** para 16**; "Bachmann vs Belgium – C – 204/90** para 31).

"Illi fil-kaz odjern, dejjem apparti l-fatt li ir-raguni moghtija fil-komunikazzjoni ta' rifjut imsemmija ma taghmel l-ebda referenza kwalunkwe la ghall-istess regolamenti, la ghall-ebda ligi tal-Komunjoni Ewropeja, u wisq anqas ghall-gurisprudenza u riferenzi tal-Qrati Ewropei, jirrizulta mill-atti u anke mix-xhieda ta' Dr. Maria Galea Curmi (xhieda 5 ta' Dicembru 2006), Kap tas-sessjoni tat-*Treatment Abroad Section* li qalet li t-*Travel Abroad Advisory Committee* fi hdan il-Ministeru tas-Sahha li huwa inkarigat sabiex jiddeciedi jekk pazjent jintbaghatx barra ghall-kura barra minn Malta jew le li l-istess kumitat ma ghandu l-ebda regoli jew *policies* stabbiliti a bazi ta' liema tiehu l-istess decizjonijiet u jirrizulta car li kull kaz jigi deciz mhux fuq *"kriterji specifici ...izda on his own merits".* Minn din ix-xhieda jirrizulta li l-konsiderazzjonijiet huma diskrezzjonarji u l-istess jinghad minn Dr. Raymond Busuttil fix-xhieda tieghu tad-9 ta' Mejju 2007 tant li xehed li *"x'jigi approvat u mhux approvat hija fid-diskrezzjoni tieghi; biss s'intendi, id-diskrezzjoni tieghi hija limitata wkoll mir-rizorsi illi inti jkollok available".*

"Illi fil-kaz ta' **"Yvonne Watts"** jinghad li *"it is settled case law that a system of prior authorisation cannot legitimise discretionary decisions taken by the national authorities which are liable to negate the effectiveness of provisions of Community Law, in particular those relating to fundamental freedom" .*

"Illi din il-Qorti thoss li jirrizulta wkoll li f'Malta jigu trattati posittivament kazi kwazi b'mod esklussiv dwar trattamenti ta' certi kundizzjonijiet li jaqghu taht ftehim li hemm bejn Malta u r-Renju Unit (artikolu *f'The Times* datat 12 ta' Settmebru 2005 mill-istess Dr. Galea Curmi) b'mod li ovvjament hemm politika diskriminatorja fejn trattatament mediku jkun differenti minn dak li huwa normalment kunsidrat taht l-istess ftehim u li jista' jittiehed f'pajjiz differenti mir-Renju Unit.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li huwa veru li fix-xhieda taghhom f'din il-kawza Dr. Alfred Caruana Galizia (8 ta' Frar 2007), u Dr. John Cachia (8 ta' Frar 2007) u Dr. Ray Busuttil (9 ta' Mejju 2007) qalu li trattaw il-kaz l-iktar fuq dak li ssejhu bhala *budgetary constraints,* pero' apparti l-fatt li l-ittra ta' rifjut suggetta tal-procedura odjerna ma tirreferi bl-ebda mod ghall-dan, ma' jirrizultax lanqas li fix-xhieda prodotta gie ppruvat almenu wiehed mill-elementi fuq ikkunsidrati; fil-verita' ezami ta' dan ma sar xejn ghaliex ma kien hemm ebda riferiment ghall-ligi jew regolamenti Ewropej u wisq inqas ghall-gurisprudenza ta' l-istess, u ghalhekk jirrizulta ppruvat li tali applikazzjoni tal-istess rikorrenti ma giet trattata bl-ebda mod u taht l-ebda cirkostanza taht u fuq dawn il-binarji, li llum jaghmlu parti mill-ligi ta' Malta, ladarba pajjizna huwa membru shih fl-Unjoni Ewropeja. Fil-fatt jirrizulta li minkejja d-dhul tal-istess regolamenti fis-sehh, inkluz l-artikolu tat-Trattat tal-Unjoni Ewropeja, is-sistema li kienet tezisti qabel mal-istess Regolamenti kellhom effett f'Malta, baqghet l-istess bhal dik wara li dahlu fis-sehh l-istess Regolamenti u hemm nuqqas ta' kriterji ta' oggettivita', kriterji li mhumiex diskriminatorji u li huma maghrufa minn qabel, b'mod li jrendu it-tehid ta' tali decizjonijiet fuq bazi diskrezzjonali bi ksur tal-ligi u regolamenti ewropej.

"Illi fil-fatt jidher li s-sistema u l-metodi uzati baqghu l-istess bhal dawk deskritti fl-artikolu intitolat **"Sharing capacities - Malta and the United Kingdom"** fejn jidher li ghalkemm hemmhekk jinghad li l-Bord isegwi certi *policies* (pagna 124) fil-verita' jirrizulta li dan isir f'kazi fejn isir riferiment ta' pazjenti Maltin lejn r-Renju Unit proprju minhabba l-ftehim li hemm bejn iz-zewg pajjizi u huwa sinifikattiv li fl-istess artikolu (Dr. Natasha Azzopardi Muscat; Dr. Kenneth Grech; Dr. John M. Cachia u Dr. Deborah Xeureb) jinghad li *"following accesion to the European Union it is possible that the framework regulating outward patient mobility will change in Malta. It is anticipated that outward planned mobility will begin to take place through the framework of the regulations on coordination of social security with the E112 certificate."*

"Illi fil-ktieb ufficjali **Patient Mobility in the European Union** li tieghu d-Direttur tas-Sahha Istituzzjonali huwa wiehed mill-awturi jinghad li:-

"*"Malta is likely to find itself increasingly challenged to open up opportunities for treatment within the context of ECJ rulings. To date overseas treatment has been restricted to those services that are not available locally but are deemed to form part of the package of care. The authorities are going to come under increasing pressure to define explicitly and transparently those services and interventions not available locally that are eligible for funding by the public system".*

"Illi jidher pero' li kollox baqa' fuq l-istess kif kien u certament minn dan kollu jirrizulta li d-decizjonijiet li jittiehdu huma diskrezzjonali u fil-kaz ta' pazjenti li jistghu jiehdu kura fir-Renju Unit, dettati biss fuq l-istess ftehim, ghalkemm ix-xhieda fuq indikati prodotti mill-konvenuti jaghmlu riferenza ghall-konsiderazzjonijiet finanzjarji, l-unika allegazzjoni li saret f'dan ir-rigward, u dan minghajr ebda element ta' prova kien biss li jista' jkun hemm 10 minn nies li potenzjalment jista' jkollhom bzonn din it-tip ta' operazzjoni, haga li certament ma jistax jinghad li ser tippregudika il-bilanc finanzjarju sabiex il-pajjiz ikompli

jipprovdi beneficcji socjali kif qed joffri u dan anke fl-isfond li inghad li jittiehdu mat-30 pazjent barra minn Malta.

“Illi pero’ anke jekk jigi koncess ghall-grazzja tal-argument li hemm xi raguni li tiggustifika tali htiega ta’ talba ta’ awtorizzazzjoni minn qabel anke fuq kunsiderazzjonijiet finanzjarji, xorta wahda fil-kaz odjern dan ma jghaddix mit-test ta’ proporzjonita’ fuq indikat ghal dak li huwa bilanc bejn l-interess pubbliku minn naha l-wahda u l-bzonn tac-cittadin minn naha l-ohra u dan ghaliex fil-kaz partikolari wiehed kien qed jitratta litteralment fuq kaz ta’ bejn hajja jew mewt **“Stamatelki” – Case C – 444/05)** u hawn hija iktar minn elekwenti dak li sostna Dr. Eugene Buttigieg fl-affidavit tieghu li:-

“*“To use an authorisation system to deny free medical treatment in another Member State that is unavailable in the country of residence to a dying patient in order to maintain the financial stability of the country’ social security system is far too draconian and utterly disproportionate to the public interest objective sought”.*

“Illi dan qed jinghad minkejja l-fatt li din il-Qorti qed tissottolinea li ma jirrizultax li dawn il-kunsiderazzjonijiet effettivament ittiehdu jew gew b’xi mod ikkunsidrati waqt xi laqgha tat-*Travel Abroad Advisory Committee* u f’dan il-kuntest jinghad li l-ebda minuti dwar l-istess ma gew fil-fatt esebiti u kull ma’ gie sottomess mill-konvenuti li gara fl-istess kumitat huwa biss dak konsistenti f’deposizzjonijiet f’dawn l-atti processwali quddiem din il-Qorti, u l-unika haga ppruvata hija l-ittra tas-17 ta’ Gunju 2004 li kif inghad taghti ragunijiet kompletament differenti ghal dan.

“Illi ma’ dan jizdied li ma jidhirx li hemm proceduri stabbiliti kif wiehed jista’ b’xi mod jappella mill-istess decizjoni, ghaliex kull ma hemm huwa biss xi talba ta’ rikonsiderazzjoni (li ma giex indikat lanqas x’rata ta’ success din ghandha), iktar u iktar meta l-kriterji uzati sabiex tittiehed tali decizjoni ma humiex stabbiliti, wisq inqas maghrufa, iktar u iktar meta d-decizjonijiet jittiehdu min kaz ghall-kaz u dan kollu jaghmilha wkoll difficli sabiex ikun hemm stharrig gudizzjarju tad-decizjonijiet li

ma jaghtux tali awtorizzazzjoni sabiex persuna tigi awtorizzata tiehu kura medika barra minn Malta meta din ma hijiex disponibbli hawn Malta, ghalkemm pazjent residenti Malta huwa ntitolat ghal tali kura.

"Illi abbazi ta' dan kollu jirrizulta li r-rifjut datat 17 ta' Gunju 2004 sabiex l-attur jiehu kura medika barra minn Malta a spejjez ta' l-istat tmur kontra l-**artikoli 49 u 50** indikati tat-Trattat tal-Unjoni Ewropeja u l-**artikolu 22 tar-Regolament 1408/71** u ghalhekk kisru l-principju bazilari tal-*"primacy of EU Law"* u abbazi tal-kazi **"Francovich & Bonifaci v Italy – C6 & 9/90** u **"Brasserie du Peucheur v Germany" – C – 46/93** u l-imsemmija **"Larcy Case"** ladarba hemm ksur tal-istess ligi komunitarja l-attur ghandu dritt li jigi kkumpensat ghad-danni li sofra.

"Illi fl-istess waqt hemm ksur tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 469 A (1) (b)** peress li sar abbuz ta' setgha minn awtorita' pubblika peress li kien hemm ksur tal-istess artikoli u regolamenti li llum jaghmlu parti mill-ligi ta' Malta u dan sar ghall-ghanijiet mhux xierqa u lanqas kien imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet relevanti u wkoll hemm ksur ta' htiegijiet procedurali mandatorji peress li l-attur qatt ma inghata opportunita' sabiex iressaq il-kaz tieghu, u r-raguni moghtija lanqas biss hija ben motivata izda wahda arbitrarja kif indikat f'paragrafu 70 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur.

"Illi kawza ta' dan in-nuqqas l-attur ghandu dritt ta' kumpens u ta' danni (kemm skond il-ligi Ewropeja u l-ligi nostrali mhux lanqas l-**artikolu 469 A (5) tal-Kap. 12** u dawn jikkonsistu fl-ispejjez tal-istess trattament mediku fl-isptar ta' Pisa u dan ghaliex kieku kien Malta kien intitolat ghall-benificcju *in kind* u li jikkonsistu *f'"the costs of medical services strictly defined and the inextricable costs relating to the patient's stay in the hospital for the purposes of treatment"* **("Watts"; "Abdon Vanbraekel & Others –** C – 368/98**)** li huma l-ispejjez tal-istess operazzjoni u kemm dam l-isptar l-istess attur u dawn jammontaw ghas-somma ta' €74,241.91 skond nota datata 9 ta' Marzu 2006 u Dok. "AR 1" sa Dok. "AR 3"), izda mhux ghall-ispejjez ohra reklamati ghaliex ma giex

ippruvat li skond il-ligi Maltija persuna residenti Malta ghandha d-dritt li tigi rifuza spejjez ta' trasport, ikel u allogjar meta t-trattament ikun inghata f'Malta.

"Illi f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li l-legittimi kontraditturi huma it-Tabib Principali tal-Gvern ossija d-Direttur Generali tas-Sahha bhala l-kap tad-Dipartiment tas-Sahha, li tahtu jaqa' id-Direttur tas-Sahha Istituzzjonali li ha d-decizjoni mertu tal-kawza odjerna u dan abbazi tal-**artikolu 181 B tal-Kap. 12** u d-Direttur tas-Sigurta' Socjali huwa l-kap ta' istutuzzjoni indikata fl-implimentazzjoni tal-legislazzjoni komunitarja in materja **(artikolu 2 tar-Regolament 1408/71)**"

Rat ir-rikors tal-appell tat-Tabib Principali tal-Gvern maghruf ukoll bhala Direttur Generali (Sahha) li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet fuq premessi tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Novembru, 2008, in kwantu t-Tabib Prinicipali tal-Gvern instab responsabbli solidament mad-Direttur tas-Sigurta` Socjali responsabbli ghad-danni kollha pretizi mill-attur u gie ordnat ihallas l-ammont hekk likwidat fis-somma ta' erbgha u sebghin elf, mitejn u wiehed u erbghin ewro u wiehed u disghin centezmi (€74,241.91) u l-ispejjez, u minflok tichad it-talbiet tal-attur appellat fil-konfront tal-appellant bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jghogobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponent u tilliberah mit-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta tal-attur ghall-appell tat-Tabib Principali tal-Gvern u l-appell incidentali tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minn premessi, talab li jigi michud l-appell propost, u li din il-Qorti tvarja s-sentenza tal-ewwwel Qorti billi

1. Tikkonferma dik il-parti tad-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Novembru 2008 fl-ismijiet premessi in kwantu sabet lid-Direttur Generali (Sahha) u lid-Direttur tas-Sigurta` Socjali hatja tal-ksur tal-Artikolu 22 tar-Regolament (EEC) Numru 1408/71, kif ukoll tal-Artikoli 49 u 50 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunita` Ewropeja, kif ukoll tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannathom ihallsu lill-attur appellat d-danni likwidati minnha flimkien mal-ispejjez u l-interessi;
2. Thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-konvenut l-iehor fil-kawza, u cioe` d-Direttur tas-Sahha Istituzzjonali gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju; u
3. Tiddikjara lill-istess Direttur tas-Sahha Istituzzjonali responsabbli *in solidum* maz-zewg konvenuti l-ohra fil-kawza ghall-ksur tad-dispozizzjonijiet legali hawn fuq imsemmija u tordnah ihallas *in solidum* maz-zewg konvenuti l-ohra fil-kawza d-danni likwidati mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili skont is-sentenza taghha tas-27 ta' Novembru 2008.

Rat ir-risposta tal-attur ghall-appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta li din il-Qorti ghandha twarrab l-appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali u minflok tikkonferma dik il-parti tad-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Novembru 2008 fl-ismijiet premessi in kwantu sabet lid-Direttur tas-Sigurta` Socjali *in solidum* mad-Direttur Generali (Sahha) hatja tal-ksur tal-Artikolu 22 tar-Regolament (EEC) Numru 1408/71, kif ukoll tal-Artikoli 49 u 50 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunita` Ewropeja, kif ukoll tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannathom ihallsu lill-attur appellat id-danni likwidati minnha flimkien mal-ispejjez u l-interessi: izda dan bla hsara ghall-appell incidentali tal-appellat li sar fil-kawza odjerna, liema appell incidentali huwa kontenut fir-risposta tal-appellat li sar ghall-appell tad-Direttur Generali (Sahha), liema risposta u appell incidentali gewipprezentati fis-27 ta' Jannar 2009.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi l-attur f'din il-kawza kellu bzonnn ta' operazzjoni medika ta' "combined pancreas/kidney transplantation". Operazzjoni ta' din il-komplessita` ma kenitx issir hawn Malta, u mill-indagini li ghamel l-attur sab li tali operazzjoni kienet, pero`, issir gewwa sptar f'Pisa, l-Italja. L-attur mar Pisa u gie accertat li l-operazzjoni setghet issir fuqu. Wara li ghamel l-arrangamenti mehtiega, l-attur talab lill-Gvern jiffinanzjalu l-operazzjoni, izda t-talba tieghu giet rifjutata peress li l-operazzjoni "does not form part of the public funded health care services package to be offered to persons living in Malta and covered by Maltese social security". L-attur xorta siefer biex jaghmel l-operazzjoni, u b'kollox qed jitlob ir-reinburs ta' €77,546.90, li jkopru l-ispejjez tal-operazzjoni u tal-vjagg li kellu jhallas hu. L-attur qed jitlob dan peress li qed jallega li c-cahda kienet wahda irragonevoli u hazina u li skont l-artikolu 22 tar-Regolament numru 1408/71 tal-Unjoni Ewropeja, it-talba tieghu ma kellhiex tigi michuda.

L-ewwel Qorti, wara li korrettement qieset li r-Regolamenti tal-Unjoni Ewropeja huma direttament applikabbli ghal Malta, u ghandhom effett dirett fis-sens li jitqiesu effikaci daqs kull ligi Maltija, applikat l-Artikolu 22 ghall-kaz u tat ragun lill-attur. Il-konvenuti nstabu responsabbli wkoll taht il-provediment tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenuti appellaw mis-sentenza, bl-aggravju principali jkun li l-ewwel Qorti tat intrepretazzjoni zbaljata lill-imsemmi Artikolu 22.

Dan l-artikolu, ghal dak li jirrigwarda dan il-kaz, jaqra kif gej, bl-enfasi trid tinghata lis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu:

"*Article 22*

*"1. An employed or self-employed person who satisfies the conditions of the legislation of the competent State for*

*entitlement to benefits, taking account where appropriate of the provisions of Article 18, and:*

*“(a) whose condition requires benefits in kind which become necessary on medical grounds during a stay in the territory of another Member State, taking into account the nature of the benefits and the expected length of the stay;*

*“(b) …*

*“(c) who is authorized by the competent institution to go to the teriitory of another Member State to receive there the treatment appropriate to his condition, shall be entitled:*

*“(i) to benefits in kind provided on behalf of the competent institution by the institution of the place of stay or residence in accordance with the provisions of the legislation which it administers, as though he were insured with it; the length of the period during which benefits are provided shall be governed, however, by the legislation of the competent State;*

*…omissis…*

*“2. …*

*“The authorization required under paragraph 1(c) may not be refused where the treatment in question is among the benefits provided for by the legislation of the Member State on whose territory the person concerned resides and where he cannot be given such treatment within the time normally necessary for obtaining the treatment in question in the Member State of residence taking account of his current state of health and the probable course of the disease.*”

L-enfasi trid tinghata lis-subartikolu (2) ghax, bazikament, kollox idur fuq l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-frazi “benefits provided for by the legislation of the Member State” fejn hu residenti dak li jitlob l-ghajnuna tal-Gvern.

Skont il-konvenuti appellanti dan ifisser li l-Gvern ma jistax jichad l-awtorizazzjoni tieghu fil-kaz biss li t-trattament offrut bil-pakett mediku Malti jkun se jinghata tardivament. Fi kliem iehor qed jghidu li jekk it-trattament mhux offrut f'Malta, allura ma hemmx obbligu li tinghata awtorizazzjoni, izda d-decizjoni jekk il-Gvern jiffinanzjax tali trattament hija mhollija fid-diskrezzjoni tieghu. Fir-rikors tal-appell taghhom, l-abbli legali tal-Gvern ghamlu studju interessanti ta' x'wassal ghad-dicitura tas-subartikolu (2) u ta' x'kien il-hsieb warajha. Din il-Qorti thoss li ghandha tirriproduci parti minn dan l-istudju ghax jitfa dawl siewi fuq il-kaz.
"Fil-kaz ta' Malta, is-sistema tas-sigurta` socjali tkopri biss dawk it-trattamenti li huma disponibbli lokalment. Ghaldaqstant jekk kura partikolari m'hijiex attwalment offruta f'Malta dan ifisser illi persuni residenti f'Malta m'humiex intitolati li jircievu dik il-kura bhala beneficcju taht is-sistema tas-Sigurta` Socjali, u dan hu fil-fatt li gara fil-kaz odjern.

5. Illi t-tieni paragrafu tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament Numru 1408/71 ma jistax logikament jigi interpretat sabiex ikopri kazijiet fejn it-trattament m'huwiex attwalment offrut fl-Istat Membru in kwistjoni; dan johrog car specjalment jekk wiehed jikkonsidra illi l-verzjoni precedenti ta' dan il-provvediment – u cioe` qabel ma gie emendat permezz tar-Regolament Nru. 2793/81 tas-17 ta' Settembru 1981 – kienet tipprovdi hekk:

*"The authorisation required under paragraph 1 (c) may not be refused* ***where the treatment in question cannot be provided for the person concerned within the territory of the Member State in which he resides****."*

Ghaldaqstant, filwaqt illi l-verzjoni l-antika ta' dan il-provvediment certament kienet tkopri sitwazzjonijiet fejn il-kura rikjesta ma kienetx provduta fl-Istat Membru in kwistjoni, il-verzjoni attwali – u cioe` kif emendata bir-Regolament 2793/81 – teskludi b'mod car sitwazzjonijiet ta' dan it-tip mill-ambitu ta' dan il-paragrafu. Fil-fatt ghandu jigi rilevat illi s-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz ***Bestuur van het Algemeen Ziekenfonds Drenthe-***

***Platteland v. G. Pierik* (Kax C-177/77)**, ikkwotata mill-Ewwel Onorabbli Qorti f'p.13 tas-sentenza taghha, giet moghtija *qabel* ma saret din l-emenda u ghalhekk, kien biss abbazi tal-verzjoni precedenti tal-Artikolu 22(2), li l-Qorti Ewropea iddecidiet illi

*"the duty laid down in the second subparagraph of Article 22(2) to grant the authorization required under Article 22(1)(c) covers both cases where the treatment provided in another Member State is more effective than that which the person concerned can receive in the Member State where he resides* ***and those in which the treatment in question cannot be provided on the territory of the latter state"****.*

Ghalhekk ir-ragunament espost f'din is-sentenza japplika esklussivament ghall-versjoni l-antika tal-Artikolu 22(2), u dan gie espressament ikkonfermat ukoll mill-Kummissjoni Ewropea f'risposta taghha ghal mistoqsija Parlamentari dwar ir-Regoament Nru. 1408/71, fejn affermat illi

*"following the Court of Justice Judgment referred to, delivered in Case 117/77 (Pierik), the second paragraph of Article 22(2) of Regulation (EEC) No. 1408/71 … was amended by Council Regulation No. 2793/81 of 17 September 1981 ((OJ L 275, 29.9.1981.)) amending Regulation (EEC) No 1408/71 …*

*In accordance with the present text of this Regulation, a person requires a prior authorisation in order to be entitled to reimbursement of medical costs (other than for treatment required immediately) incurred in a Member State other than that in which the person is insured (see Article 22(1) (c). This authorisation 'may not be refused where the treatment in question is among the benefits provided for by the legislation of the Member States on whose territory the person concerned resides and where he cannot be given such treatment within the time normally necessary for obtaining the treatment in question in the Member State of residence, taking account of his*

*current state of health and the probable cause of the disease' (Article 22(2), find paragraph).*[1]

Fil-fatt il-Kummisssjoni kienet iddikjarat illi l-ghan ta' din l-emenda kien appozitament:

*"to limit the obligation of the competetent institution to grant authorisation to go to the territory of another Member State to receive appropriate treatment solely to cases where such treatment is included among the benefits provided for in the legislation of the Member State on whose territory the person concerned resides and if he cannot be given such treatment in time in that Member State",*[2]

u dan sabiex jigi limitat l-iskop ghal abbuz li kien inerenti f'dan il-provvediment, u kif ukoll sabiex jitnaqqsu l-problemi finanzjari li seta' jiggenera dan il-provvediment kif originarjament imfassal peress illi, kif kienet osservat il-Kummissjoni stess, "***the application of this provision would aggravate the financial difficulties faced by the sickness insurance schemes of the Member States***".[3]

6. Di fatti, anke d-Direttiva l-gdida proposta mill-Kummissjoni Ewropea intitolata "*Directive on the application of patients' right in cross-border health care*" (COM (2008) 414 final) terga' tikkonferma l-kompetenza esklussiva tal-Istati Membri illi jiddefinixxu l-beneficcji provduti taht is-sistemi tas-sigurta` socjali taghhom. L-*Explanatory Memorandum* ghal din il-proposta ghaldaqstant tikkjarifika illi

"*The new directive on cross-border healthcare would put in place an alternative mechanism based on the principles of free movement and building on the principles underlying decisions of the Court of Justice.* ***<u>This would</u>***

[1] Written Question No. 4062/97 by Fernand HERMAN to the Commission. Medical treatment (*OJ C 196, 22/06/1998 P. 0069*)
[2] Resolution embodying the opinion of the European Parliament on the proposal from the Commission of the European Communities to the Council for a Regulation amending Regulation (EEC) No 1408/71 and Regulation (EEC) No 574/72 (OJ C 144 15/06/1981, p.112), paragraph 4
[3] Ibid para. 6.

***<u>allow patients to seek any healthcare in another Member State that they would have been provided at home</u>*** *and be reimbursed up to the amount that would have been paid had they obtained that treatment at home, but they bear the financial risk of any additional costs arising.*"

u

"*This proposal does not change the right of Member States to define the benefits that they choose to provide.* ***<u>If a Member State does not include a particular treatment as part of the entitlement of their citizens at home, this directive does not create any new entitlemnet for patients to have such treatment abroad and be reimbursed</u>***." (p.13)

7. Illi gia` la darba t-trattament mitlub mill-appellat ma kienx jinghata Malta, logikament lanqas ma tista' timmaterjalizza t-tieni element tal-Artikolu 22(2) – u cioe` illi l-pazjent ma setghax jinghata kura "*within the time* ***normally necessary*** *for obtaining the treatment in question in the Member State of residence..*". Fi kliem iehor, **<u>it-tieni rekwizit stipulat fl-Artikolu 22(2) jirrikjedi l-ezistenza tal-ewwel rekwizit kontemporanjament – u cioe` illi l-kura rikjesta hija attwalment offruta fit-territorju ta' residenza</u>**. Meta dan tal-ahhar ma jezistix lanqas allura ma jezisti t-tieni rekwizit imsemmi. Ghaldaqstant l-esponent jissottometti bir-rispett kollu illi l-ewwel Onorabbli Qorti zbaljat fl-analizi taghha meta kkonkludiet illi:

"*la darba tali intervent ma setghax isir dan jekwivali wkoll li "the waiting time imposed on the person concerned exceeds the medically acceptable period in the particular case" (**"Watts Case"** – para. 60), u b'hekk isegwi li l-attur ma setghax jiehu l-kura mehtiega hawn Malta fiz-zmien ragonevoli, tenut kont tal-istat ta' sahhtu u l-andament tal-marda tieghu".*

L-esponent jissottometti umilment illi l-logika ta' dan l-argument hija zbaljata ghal kollox, stante li sabiex tipprova

dewmien trid l-ewwel nett tipprova z-zmien li normalment tiehu sabiex tinghata l-kura fil-pajjiz ta' residenza. Fil-kaz in ezami dan ma jistax isir ghaliex il-kura pretiza *qatt* ma nghatat Malta. Infatti l-attur stess jikkwota x'qal l-esponent fir-rifjut cioe`: "*does not form part of the publicly funded healthcare services package to be offered to persons living in Malta and covered by Maltese social security legislation".*"

Mill-premess din il-Qorti tirrileva li r-Regolament kien intiz li jolqot trattament li jsir Malta b'xejn skont legislazzjoni appozita. L-enfasi hija fuq trattament "included among the benefits provided for in the legislation of the Member State". Hawn Malta, pero`, ma tezistix legizlazzjoni *ad hoc* li tispecifika t-tipi ta' interventi li jsiru b'xejn, u kollox hu mholli ghad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet tas-sahha. Ma jidhirx li dan kien il-hsieb wara r-Regolament. Il-hsieb kien li residenti f'pajjiz ikollhom lista pre-stabbilita tat-trattamenti li joffri b'xejn dak il-pajjiz, u dan biex ikunu jafu x'inhi is-sitwazzjoni; ma kienx il-hsieb li l-awtoritajiet jimxu fuq "pakkett mediku" li ma hu accessibbli ghal hadd u li jiddipendi, ghal dak li huwa l-kontenut tieghu, fid-diskrezzjoni assoluta tal-awtoritajiet u li jistghu jbiddlu l-kontenut ta' dan il-pakkett mill-jum ghall-iehor minghajr ma jinformaw lil hadd. X'joffri dan il-"pakkett mediku" irid ikun stabbilit b'legislazzjoni u accessibbli ghal kulhadd. Il-Kummissjoni Ewropea fil-komunikazzjoni taghha tal-2008 intitolata "A Community Framework on the applications of patients' rights in cross-border healthcare" (COM (2008) 415) issostni illi dak li ghandu jigi provdut fid-direttiva l-gdida,
"*does not change the right of Member States to define the benefits that they choose to provide.* ***If a Member State does not include a particular treatment as part of the entitlement of their citizens at home, this directive does not create any new entitlement for patients to have such treatment abroad and be reimbursed***." (para. 2.1)

Trid allura, tigi ppubblikata lista tat-trattament jew tip tat-trattament li kull residenti jkun intitulat ghalih, u mhux "pakkett mediku" li jinzamm *in pectore*. Id-decizjoni dwar

liema beneficcji ghandhom jew ma ghandhomx jigu nkluzi taht dik is-sistema hija wahda purament diskrezzjonali mehuda mill-Gvern fl-ezercizzju tal-poteri amministrattivi tieghi, pero`, l-lista ghandha tkun hemm, u din trid tigi stabbilita permezz ta’ legislazzjoni. Stat ma jistax ma jaghmilx “lista” u jghid li allura ma hux obbligat joffri assistenza hlief ghall-kazijiet li jrid hu fid-diskrezzjoni tieghu.

Li l-materja hi bazata fuq xi forma ta’ lista ta’ beneficcji johrog ukoll mid-decizjoni ricensuri tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja moghtija fil-kaz **Elchinov v. Natsionalna Zdravnoosiguritelna kasa** wara li saret riferenza mill-Qorti Suprema tal-Bulgaria (id-decizjoni nghatat mill-Grand Chamber fil-5 ta’ Ottubru, 2010). Wahda mill-konkluzjonijiet milhuqa mill-Qorti tipprovdi hekk:

“*3. With regard to medical treatment which cannot be given in the Member State on whose territory the insured person resides, the second subparagraph of Article 22 (2) of Regulation No 1408/71, as amended and updated by Regulation No 118/97, as amended by Regulation No 1992/2006, must be interpreted as meaning that that authorisation required under Article 22(1)(c)(i) cannot be refused:*

- *if, where the list of benefits for which the national legislation provides does not expressly and precisely specify the treatment method applied but defines types of treatment reimbursed by the competent institution, it is established, applying the usual principles of interpretatiion and on the basis of objective and non-discriminatory criteria, taking into consideration all the relevant medical factors and the available scientific data, that the treatment method in question corresponds to types of treatment included in that list, and*

- *if no alternative treatment which is equally effective can be given without undue delay in the Member State on whose territory the insured person resides.*

*That article precludes the national bodies called upon to rule on an application for prior authorisation from*

*presuming, in the application of that provision, that the hospital treatment which cannot be given in the Member State on whose reimbursement is provided for by the legislation of that state or, conversely, that the hospital treatment included in those benefits can be given in that Member State.*"

Ma jkunx, ghalhekk, fl-interess ta' pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea li ma johloqx tip ta' lista li fiha jindika t-trattament li ghalih ir-residenti huma intitolati ghalih b'xejn, la darba jiddeciedi li joffri b'xejn tip ta' trattament mediku. Inoltre, il-lista trid tkun oggettivament ragjonevoli.

La darba din il-lista ma tezistix hawn Malta, ma jistax jinghad li hemm xi trattament eskluz. Kienet ghalhekk, korretta l-ewwel Qorti meta fis-sentenza osservat li,
"*... ... ... jirrizulta li l-attur kien jikkwalifika ghal dan ghaliex il-kura medika provduta f'Malta hija kollha provduta taht is-sistema medika prezenti, u tali beneficcju mediku huwa wiehed li kopert taht il-Ligi Maltija u dan peress li l-iskema ta' trattament b'xejn fl-Isptar ghar-residenti Maltin ma teskludi l-ebda tip ta' intervent u ghalhekk irrespetivament minn natura tal-marda jew trattament involut u allura l-ebda tip ta' operazzjoni medika jew kura f'isptar ma hija eskluza ghall-persuna residenti Malta.*"

Wara li gie in vigore r-Regolament tal-Unjoni Ewropea in kwistjoni, il-Gvern Malti ma hax hsieb jillegizla u jindika x'tip ta' trattament hu offrut f'Malta; la darba l-isptar tal-Gvern f'Malta joffri, skont il-ligi, it-trattament kollu possibbli b'xejn, l-attur ma setghax jinzamm milli jfittex trattament aktar mghaggel f'pajjiz iehor. Il-legislazzjoni Maltija, sa issa, toffri <u>kollox</u> b'xejn, xejn eskluz, u allura ghal dak kollu, residenti huma intitolati imorru barra u jiehdu hemm it-trattament f'kaz ta' dewmien hawn Malta fl-ghoti ta' dak it-trattament.

Apparti dan, anke jekk l-awtorizzazzjoni tista' titqies wahda diskrezzjonali (ghax ma hemmx legizlazzjoni *ad hoc* li tqis it-tip ta' trattament li jinghata b'xejn hawn Malta), din id-diskrezzjoni trid tigi ezercitata b'mod trasparenti u skont il-principji ta' gustizzja naturali. Il-Prim

Awla tal-Qorti fil-kaz **Gonzi v. Malta Drydocks Coroporation et**, deciz fis-27 ta' Ottubru, 2004, kienet osservat li
"*Hekk jinsab assodat fi skorta ta' decizjonijiet illi bordijiet u tribunali li jkollhom attribuzzjonijiet u funzjonijiet decizjonali ma jistghux, fl-espletament ta' dawk l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet, jinjoraw il-principji bazici ta' gustizzja naturali. Ghall-kuntrarju, hu anzi mistenni minnhom li jirrispettaw dawn l-istess principji li, proprju ghax fundamentali, jintitolaw lil kull parti fil-procediment li jkollha l-opportunita` li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha. Ara f'dan is-sens decizjonijiet riportati a* **Col. XXXII P II p 350; Vol. XXXIII P I p 648** u **Vol. XXXVII P II p 675**, fost ohrajn."

(ara wkoll "AJ Hili ta' Miena Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru, 2004).

Zgur li ma tistax tkun wahda arbitrarja, u decizjoni mehuda a bazi ta' "pakkett mediku" li hadd ma jaf x'fih, ma tistax titqies wahda ragjonevoli. Il-process irid ikun wiehed kemm jista' jkun oggettiv u d-decizjoni trid tinghata fi zmien qasir minhabba in-natura tal-kazi. Iridu jigu stabbiliti kriterji jew policies specifiki u mhux kull kaz jigi trattat u deciz skont kif jahsbuha l-membri ta' dak il-hin fit-Travel Abroad Advisory Committee. F'dan il-kaz, wara li l-Kumitat ircieva ittri mill-konsulenti medici tal-attur, semplicement iddecieda li jichad it-talba ghax it-trattament mitlub ma kienx jifforma parti mill-"pakkett mediku" li jipprovdi l-iStat Malti. L-affarijiet ma ghandhomx isiru hekk! Irid jigi definit f'hiex jikkonsisti dan il-"pakkett mediku" u l-kriterji li fuqhom tigi deciza talba. Diskrezzjoni, wiesa kemm hi wiesa, qatt ma hi assoluta u hija dejjem soggetta ghal review minn dawn il-qrati. Fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni, l-awtorita` kompetenti trid tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha rilevanti, u teskludi dawk ic-cirkostanzi li mhumiex rilevanti, trid taghti opportunita` lil dak li jkun jispjega l-kaz tieghu u d-decizjoni trid tkun wahda ragjonevoli u konsistenti. Jekk hemm "budgetory costraints" dawk ukoll iridu jigu determinati oggettivament, u jrid ikun hemm kriterji li

jistabilixxu kif jintefqu l-flus allokati. Jista’ jkun li certa diskrezzjoni soggettiva tithalla f’idejn il-membri tal-Bord kompetenti, pero`, din ma tridx tkun assoluta u trid tkun cirkoskritta b’regoli cari u pre-stabbiliti. Din l-awtorita` trid tigi regolata biex tadotta l-principju ta’ proporzjonalita` bejn l-interess tal-individwu u dawk tal-istat, u trid tispjega b’mod car x’qieset biex waslet ghad-decizjoni taghha. Fi ftit kliem, l-ezercizzju ta’ diskrezzjoni amministrattiva trid tigi regolata u tirrifletti *policies* u/jew kriterji pre-stabbiliti, u mhux kollox jithalla fl-ajru.

Kwindi, anke indipendentement mir-Regolament tal-Unjoni Ewropea, in-nuqqas tal-Gvern, f’dik l-epoka, li jipprovdi struttura regolata biex jistharreg talbiet ta’ din in-natura, jesponuh ghad-danni, li, ghall-kaz in ezami, huma l-ispejjez li kellu jinkorri fihom l-attur bhala konsegwenza.

L-appelli principali tal-konvenuti, ghalhekk, ma jimmeritawx li jkunu milqugha.

Dwar l-appell incidentali mressaq mill-attur, din il-Qorti tara li dan hu validu, peress li kien id-Direttur tas-Sahha Istituzzjonali li ha d-decizjoni jew ha r-responsabbilita` ghall-istess, u kwindi kellu jinstab ukoll responsabbli ghal dak li sehh.

Ghar-rigward tal-appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali, hu veru li dan ma kienx hu li ha d-decizjoni, pero`, huwa l-awtorita` kompetenti u responsabbli ghall-implementazzjoni tal-legislazzjoni komunitarja in materja ta’ sigurta` socjali li jifforma parti minnhom il-beneficcju pretiz mill-attur. Kwindi, ma jistax jitqies mhux legittimu kontradittur ghall-azzjoni attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli mressqa mit-Tabib Principali tal-Gvern maghruf ukoll bhala Direttur Generali (Sahha) u tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali billi tichadhom it-tnejn, u, min-naha l-ohra, tilqa’ l-appell incidentali tal-attur u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti billi filwaqt li tirrevoka dik il-parti fejn illiberat lid-Direttur tas-Sahha Istituzzjonali mill-osservanza tal-gudizzju, tiddikjara lill-istess Direttur responsabbli in

solidum maz-zewg konvenuti l-ohra, u tordnalu sabiex flimkien mal-konvenuti l-ohra u in solidum, ihallas id-danni kif likwidati mill-ewwel Qorti, u tikkonferma s-sentenza ghall-bqija.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu kollha mit-tlett konvenuti flimkien u in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------